MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1256/2003

**Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija
estera Royal and Sun Alliance Insurance Plc bhala surrogata
fid-drittijiet tal-assigurata taghha Isabella Darmanin Godano
u b'nota tal-20 ta' Mejju, 2004 Elmo Insurance Limited assumiet l-atti minflok Elmo Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Rosa Falzon**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuta thallas Lm277.15c (mitejn u sebgha u sebghin lira Maltin u hmistax-il centezmu) rapprezentanti danni kkagunati

f'incident tat-traffiku li sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li tiddikjara li mhux responsabbli ghall-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn il-konvenuta tghid li kienet tirriversja u sar l-impatt filwaqt li Isabella Darmanin Godano tghid li kienet qed tipparkja meta l-konvenuta rriversjat u baqghet diehla fil-vettura taghha. Isabella Darmanin Godano tghid ukoll li l-konvenuta qaltilha li ma rathiex.

Ra x-xhieda ta' Isabella Darmanin Godano fejn ikkonfermat li qalet fir-*Road Accident Report*. Ziedet ukoll li ma taqbilx ma' l-iskizz ghaliex il-vettura tal-konvenuta ma kienetx daqshekk angolata izda kienet aktar dritta kif tidher fuq ir-ritratti esebiti.

Ra x-xhieda ta' PC 190 Jesmond Farrugia prodott mis-socjeta' attrici, fejn jikkonferma li kien hu stess li nvestiga dan l-incident u jghid ukoll li l-vettura tal-konvenuta kienet aktar 'il gewwa minn kif pingiha hu fl-iskizz.

Ra x-xhieda ta' Rosa Falzon fejn tikkonferma li lil Isabella Darmanin Godano ma rathiex meta kienet qed tirriversja. L-konvenuta ma taqbilx ma' l-iskizz ghaliex tghid li ma kienetx messet il-*white line*.

Ra x-xhieda ta' Wallace Falzon prodott mill-konvenuta, fejn ighid illi l-*bumper* tal-konvenuta ma kienx livell tal-bieba tal-vettura ta' l-attrici.

Ra x-xhieda ta' Charles Cauchi li huwa Surveyor ma' Elmo Insurance u ra x-xhieda ta' Kenneth Camilleri prodott mill-konvenuta li jahdem bhala Claims Handler mal-Middlesea Insurance fejn ighid li l-konvenuta hallset Lm50.00c (hamsin lira Maltin) *excess*.

**Ikkunsidra**

Illi l-konvenuta b’nuqqas ta’ assigurazzjoni ma harsitx fuq wara waqt illi kienet qed tirriversja. Fil-fatt il-konvenuta ammettiet li ma ratx lil Isabella Darmanin Godano.

Illi ghalhekk m’hemmx dubju li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident billi naqset li tassigura li ma kien hemm xejn warajha meta bdiet tirriversja, ghalhekk gara l-incident. Il-fatt li Isabella Darmanin Godano kienet qieghdha tfittex *parking space* hi rrilevanti. Ara **Fogg Vs Vella Appell 19/11/2001** fejn gie ddikjarat li l-utent tat-triq seta’ jutilizza t-triq kollha sakemm dan ma kienx jikkostitwixxi periklu ghall-utenti l-ohra ta’ dik it-triq.

Illi d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici gew debitament ippruvati.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenuta, jiddikjara li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ Lm277.15c (mitejn u sebgha u segbhin lira Maltin u hmistax-il centezmu) bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-Ittra Ufficjali datata 6 ta’ Frar, 2003 u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------